**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Dicembru 2022**

**Rikors nru : 523/2022 AGV**

**Da. sive D G**

**vs**

**RG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors datat 3 ta' Ottubru 2022 pprezenta minn Da. sive D G;**

1. Illi hu zzewweg lil intimata fis- 6 ta' Dicembru 2002 , liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, kopja tac-certifikat annessa bhala Dok. A);
2. Illi l-partijiet ilhom separati oltre' hmistax-il sena, huma xoljew u llikwidaw l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 8 ta' Mejju 2006 , in atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia, liema kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dok. B ;
3. Ill il-partijiet minn daz-zwieg kellhom tifel, JP , li twieled fit- 30 ta' Awwissu 2004 li llum hu maggorenni ;
4. Illi ma jezisti ebda possibita' ta manteniment bejn il-partijiet;
5. Illi r-rikorrent u l-intimata jghixu hajja totalment separata u distinita minn xulxin, u ir-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-patrijiet.
6. Illi ghaddew diversi snin ( oltre' hmistax-il sena ) mis-separazzjoni bejn il-partijiet, ir-rikorrenti tikkonferma li ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.
7. Illi r-rikorrenti l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti, sabiex tiddikjara z-zwieg tieghu ma' RG hu mahlul , u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal- ligi, u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dil-Qorti, javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun registrat fir-registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta tal-intimata datata 1 ta' Novembru 2022 ;**

1. Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel, tieni, tielet u r- raba 'u l-hames premessi tar-rikors promutur.
2. Illi l-esponenti toggezjona ghar-raba' talba tal-attur, li fil-Qorti tipronunzja it-talba tad-divorzju bejn il-partijiet u dan stante li l-attur waqaf ihallas manteniment ghal wild tal-partijiet hekk kif dan ghalaq 18-il sena u dana minkejja li hu ben konsepevoli li l-istess wild ghandu dizabilita' illi tippreKludih milli jahdem.
3. Illi l-istess wild ibati minn '*Body Dysmorphia Disorder'*, kif iccertifkat mil-Psikjatra Dr. Anthony Zahra, Vide Dok A, il-Psikjatra Dr. Dimech iccerfikah diz-dizordni bhala *' delusional disorder with a severe impact on his level of functioning' ,* Dok B .
4. Illi kif jirrizulta minn daz-zewg certikati, bin il-partijiet, jiehu diversi medicini long term.
5. Illi l-esponenti diga 'interpellat lil-attur verbalment u nfurmatu li jehtiegu li jibqa' ihallas il-manteniment ta' binhom, stante li minhabba dizordni mentali li ghandu , ma hux f' posizzjoni li jahdem bi qliegh. Ir-reazzjoni tal-attur kienet li jsib xoghol lil istess wild. Wara li hu dam jahdem ghal jumejn kellu jitlaq, u ma kienx f' kundizzjoni li jkompli jahdem , l-attur issa qed jinsisti li galadarba binhom hadem ghal jumejn , issa hu kapaci jahdem, u ma jahdimx ghax ma jridx. Certament, li dan mhux il-kaz.
6. Illi ai termini tas-sub inciz (b) tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 3 B tal-Kap. 16 ta-Ligiiiet ta' Malta, il-genituri ghandhom l-obbligu li fejn ma jkunx regenevolment possibbli l-ulied imantu lilhom infushom kif xieraq, dawn ghandhom ikomplu jipprovdu manteniment adegwat ghal ulied, li jkollhom dizabilita' kemm fizika , kif ukoll mentali.
7. Illi d-definizzjoni ta' persuni b' dizabilita' hija dik indikata fl-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni ta' Gnus Maghquda, dwar drittijiet ta' persuni

b’ dizabilita’ , li tinkludi , ***‘ dawk li ghandhom nuqqasijiet fizici , mentali, intelletwali jew sensorjali fit-tul, li meta jirrekataw ma’ ostakoli varji jistghu jtellfuhom milli jippartecipaw b’ mod shih u effetiv fis-socjeta’, fuq bazi ugwali bhall-ohrajn ‘.***

Illi das-sub inciz gie introdott permezz tal-Att XIV tas-sena 2011 u cjoe’ wara li giet fnalizzata s-separazzjoni ta’ bejn il-partijiet madankollu xorta wahda hija applikabbli f’ dal-kaz.

Daqstant, ghandha x ‘tissometti l-esponenti ghal gudizzju savju ta’ dil-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi mill-provi prodotti, jirrisulta li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatti. L-intimata qed toggezzjona ghall-ghoti tad-divorzju peress illi r-rikorrenti ma baqax ihallas manteniment ghat-tifel taghhom, hekk kif dan sar maggorenni. Fiz-zmien li kienu sseparaw il-partijiet, il-ligi ma kienetx tipprovdi ghal manteniment ghall-ulied li jkunu ghalqu l-eta’ ta’ tmintax-il sena, anke jekk dawn jibqghu jistudjaw. Illum din inbidlet, u bis-sahha t’hekk l-intimata qed toggezzjona ghall-ghoti ta’ divorzju, peress illi qed tippretendi li issa r-rikorrenti ghandu jibda jhallas manteniment.

Madankollu, il-Qorti tosserva li mill-provi kif prodotti, l-intimata ghadha ma ressqet ebda talba ghal dan l-iskop, jew almenu fethet medjazzjoni fejn qed titlob li tibda tithallas manteniment ghat-tifel. Ghalhekk, bhala stat ta' fatt, ma hemm ebda ordni ta' Qorti li r-rikorrenti qed jonqos milli jsegwi, u ghaldaqstant l-oggezzjoni tal-intimata f'dan ir-rigward ma tistax tregi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:
Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Tiddikjara z-zwieg tieghu ma' RG hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Dep Reg**